MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 2241/2003/1

**Mirya Limited**

**vs**

**John Peresso Aluminium Limited u John Peresso**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Gunju, 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm336.80) rapprezentanti xoghol ta' hgieg li s-socjeta' attrici bieghet lill-konvenut fis-snin 2000 u 2001.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fil-5 ta' Dicembru, 2003, fejn intqal, illi preliminarjament John Peresso personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandux relazzjoni legali mas-socjeta` attrici;
Illi di piu`, anke kieku, fir-rigward tal-konvenut personalment dan mhux integru stante li m'hemmx referenza ghal mart il-konvenut;
Illi fir-rigward tas-socjeta` konvenuta id-dejn ghandu jigi ppruvat;
Illi di piu`, jekk hemm dejn dovut illum dan hu preskritt;
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk hemm obbligu finanzjarju dan hu kontestat u l-istess socjeta` attrici trid tipprova l-ammont veru;
Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra n-nota tal-konvenut prezentata fid-29 ta' Ottubru, 2004 fejn gie rilevat li l-artikoli rilevanti tal-preskrizzjoni huma l-Artikoli 2148(a) u 2149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgha x-xhieda ta' Henry Battistino, John Peresso. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. It-Tribunal jibda biex jaghmel referenza ghad-decizjoni preliminari moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2004, fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, Art.2148(a) u 2149 tal-Kap.16 tal-ligijiet ta' Malta.
2. Li jrid jigi stabilit ghalhekk huwa min fil-fatt ghamel in-negozju mas-socjeta` attrici, cioe` kienx John Peresso f'ismu personali jew is-socjeta` John Peresso Aluminium Limited.
3. Jirrizulta mid-Dok HB 1 datat 22 ta' Mejju, 2002 li J Peresso Limited kienet qed titlob kopji ta' *invoice*s lil Mirya Limited, *invoice*s li kienu ghadhom pendenti.
4. Jirrizulta illi x-xoghol kien dejjem johrog taht l-isem ta' "Peresso" jew "Peresso Alum" u dana skond l-*invoice*s esebiti u li jgibu n-numru 030217 sa 030221, 032565 u 032567 u 032568.

5. Skond Henry Battistino ghas-socjeta' attrici kien l-konvenut personalment illi kien jixtri l-materjal minghand is-socjeta' attrici. Il-persuna illi kien jiehu l-materjal kien John Peresso pero' s-socjeta' attrici ma kienetx tkun taf ezattament ghal min qieghed jittiehed.
6. Il-konvenut John Peresso jghid li l-materjal kien jixtrih f'isem il-kumpanija u bhala prova esebixxa cheque ta' l-1996. Pero' jirrizulta wkoll illi hafna drabi l-konvenut kien ihallas b'kontanti. Rilevanti hafna dak li jghid l-istess konvenut meta xehed hekk: "jiena ma kellix ghalfejn nghidlu jekk hux tieghi personali jew tal-kumpanija." Skond il-konvenut kien jiffirma ta' bilfors John Peresso peress li dan huwa ismu u l-kumpanija jisimha hekk ukoll. Jirrizulta illi meta jiffirma ex admissis ma kienx inizzel li qed jiffirma ghan-nom u in rapprezentanza ta' John Peresso Aluminium Limited.
7. Tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal hu sodisfatt illi s-socjeta' attrici kellha ragun tahseb illi qed tinnegozja mal-konvenut f'ismu personali u konsegwentement it-Tribunal hu tal-fehma illi huwa John Peresso personalment ghandu jaghmel tajjeb ghall-ammont imsemmi.
8. It-Tribunal ma jsibx sostenibbli l-eccezzjoni illi l-attur f'ismu personali ma ghandux relazzjoni personali mas-socjeta' attrici u lanqas ma hemm lok li tigi akkolta l-eccezzjoni li l-gudizzju mhux integru peress li ma hemmx mart il-konvenut fil-kawza.
9. L-ammont mitlub jirrizulta pruvat mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda ta' l-istess ta' Henry Battistino.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati, jillibera lil John Peresso Limited mill-osservanza tal-gudizzju u jikkundanna lill-konvenut John Peresso ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija sitta u tletin lira u tmenin centezmu (Lm336.80).

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut John Peresso personalment, filwaqt li l-ispejjez tad-decizjoni preliminari tat-3 ta' Dicembru, 2004 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut John Peresso."

Il-konvenut fil-kwalitajiet citat mis-socjeta` attrici appella minn din is-sentenza bl-uniku aggravju illi t-Tribunal agixxa serjament kontra d-dettami ta’ l-ekwita`. Fit-twegiba taghha s-socjeta` attrici tikkontestalu dan l-aggravju bis-sottomissjoni illi dan mhu xejn hlief tentattiv kammuffat biex l-appellant jikseb aditu ta’ appell, dak li l-Artikolu 8 ta’ l-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kapitolu 380) ma jikkonsentilux, fil-kaz fejn l-ammont in kwestjoni ma jkunx jeccedi l-hames mitt lira (Lm500);

Jispetta lil din il-Qorti tezamina s-sentenza appellata kif ukoll l-provi prodotti mill-partijiet biex tassikura jekk kienx hemm da parti tat-Tribunal lezjoni tad-dritt ekwitativ, kif hekk isostni l-appellanti, jew, invece, l-appell interpost jikkonsistix biss minn semplici pretest, kif hekk kontez mis-socjeta` attrici appellata;

Jigi osservat li l-appellant ma ddeduca ebda ilment kontra s-sentenza tat-Tribunal tat-3 ta’ Dicembru 2004 fejn cahditlu l-preskrizzjonijiet eccepiti a norma ta’ l-Artikolu 2148 (a) u 2149 tal-Kodici Civili, anke jekk dik is-sentenza, fil-fehma ta’ din il-Qorti, kienet timmerita konsiderazzjoni guridika serja. Dan igib li fuq din il-kwestjoni l-appellant akkwijeta ruhu ghal dak li rritjena t-Tribunal;

Registrata din l-osservazzjoni, jinhass li jkun opportun ghall-istharrig ta’ l-aggravju u tar-risposta ghalih illi jigu ri-epilogati dawn il-fatti:-

(1) Henry Battistino, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, jafferma li hu kien jinnegozja b’ din is-sistema. Meta jkun hemm ordni, johrog *invoice* u din tigi ffirmata mix-xerrej (fol. 25). B’ ezemplari, hu esebixxa kopja ta’ *invoice* wahda datata 24 ta’ April 2000 (fol. 16) fl-ammont ta’ Lm2.75;

(2) Fl-inkartament tal-kawza gew prezentati fatturi ohra (fol. 48 sa fol. 56) attestanti l-i*statement* a fol. 15. Dawn huma datati 22 ta' Mejju 2000 u 16 ta' Marzu 2000. Fl-ispjega li jaghti l-precitat xhud a fol. 59 dwar dawn il-fatturi, dan jghid li kien igemmaghhom u jibghathom lill-konvenut bhala ricevuta tal-VAT;

(3) Il-konvenut jghid li l-fatturi riferenzjati kienu nghatawlu mis-socjeta` attrici nonostante li hu kien insista li jigi provvdut bl-*invoice*s iffirmati manifestanti l-ordnijiet pjazzati. Fil-fatt fl-atti tinsab esebita ittra datata 22 ta' Mejju 2002 (fol. 14) mibghuta mill-konvenut, *qua* direttur tas-socjeta` konvenuta, fejn dan talab lis-socjeta` attrici tipprovdih b' kopji ta' l-*invoice*s dwar il-pendenzi reklamati;

(4) Ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici jghid li skond hu il-merce konsenjata kienet ghall-konvenut personalment, anke jekk immedjatament qabel jiddikjara li ma jafx jekk kienx ghall-konvenut personalment jew ghal Peresso Aluminium (fol. 59). Invece, fid-deposizzjoni tieghu l-konvenut jikkontendi li l-merce mixtrija kienet ghall-kumpanija tieghu tant li l-hlas dejjem sar b' cekkijiet ta' l-istess kumpanija. Jghid ukoll li ghamel sentejn jinnegozja mas-socjeta` attrici;

(5) Il-fatturi esebiti huma jew intestati "Peresso" (fol. 16) jew "Peresso Alum" (fol. 48 sa fol. 56);

Ir-ragonament tat-Tribunal hu msejjes fuq din il-bazi duplici:-

(i) In bazi ghall-provi hu hassu sodisfatt li l-socjeta` attrici kellha ragun tahseb illi kienet qed tinnegozja mal-konvenut f' ismu personali;
(ii) L-ammont mitlub jirrizulta pruvat fuq il-bazi tad-dokumenti esebiti u x-xhieda ta' Henry Battistino;

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti il-kuncett ta' l-ekwita`, sostrat dan centrali li, skond l-Artikolu 7 (1) ta' l-Att fuq imsemmi, kellhom jigu modellati d-decizjonijiet tat-Tribunal

adit, jimporta li c-cirkostanzi tal-kaz jircievu apprezzament ekwu. Li jfisser li fil-valutazzjoni ekwitattiva l-gudikant ma jistax jinjora dawk il-fatti saljenti, incidenti fuq l-azzjoni jew l-eccezzjonijiet ghaliha. Fatti emergenti mir-rizultanzi istruttorji li jinnecessitaw li l-gudikant jevalwa l-elementi kollha ta' prova rakkolti fl-atti. Dan l-ezercizzju ekwitativ li l-istess ligi tafida lit-Tribunal jibqa' mhux sindakabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni jekk jinstab li d-decizjoni relattiva hi tabilhaqq sorretta minn motivazzjoni immuni minn vizzji logici u zbalji ta' dritt. Xort' ohra, jekk lill-Qorti jirrizultalha li fis-sentenza tieghu t-Tribunal, b' mod gravi, mar kontra d-dettami ta' l-ekwita` "<u>skond il-ligi</u>" u dan ippregudika l-jeddijiet ta' l-appellanti, hi fid-dmir li mhux biss tinvestiga izda twarrabha u tiddipartixxi minnha;

Fir-rigward ta' l-ewwel affermazzjoni tat-Tribunal, gie bosta drabi ribadit mill-Qrati taghna l-principju li "normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qed jikkontratta ghal haddiehor jew, jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qed jikkontratta ghal haddiehor". Ara d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Philip Galea Souchet -vs- Michael Falla**", Appell Kummercjali, 4 ta' Mejju 1973; "**Mario Tonna *et nomine* -vs- Francis Formosa**", Appell Kummercjali, 29 ta' Gunju 1979 u "**Frank Cilia *nomine* -vs- Charles Scicluna**", Qorti tal-Kummerc, 27 ta' April 1992;

Di regola, fil-kazijiet fejn tinsorgi l-kwestjoni, "il-konvenut kellu mhux biss jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova li tali fatt gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkuntratta u dan sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat" - "**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Mill-elementi probatorji kollha attendibbli, u bl-adoperu tal-metru ta' l-ekwita`, din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li Henry Battistino, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, kien

ragonevolment jaf li l-konvenut ma kienx qed jikkontratta f' ismu personalment. Fir-rigward taghmel dawn l-kunsiderazzjonijiet:-

(1) A differenza tal-kawzi fuq citati, f' dan il-kaz is-socjeta` attrici harrket kemm lis-socjeta` John Peresso Aluminium Limited kif ukoll lill-konvenut personalment. Dan donnu jindika illi s-socjeta` appellata, ghallanqas fil-mument tal-proponiment ta' l-azzjoni, ma kienetx daqstant kategorika u certa li l-merce kienet ad uzu esklussiv tal-konvenut personalment, bhal ma gie fil-kors tal-kawza hekk dikjarat mir-rapprezentant taghha Henry Battistino (seduta 19 ta' Mejju 2005);

(2) Hu fatt accertat, imbaghad, illi fiz-zgur qabel l-intavolar ta' l-azzjoni fis-7 ta' Novembru 2003, kienet is-socjeta` konvenuta, u mhux il-konvenut in veste personali, li talab lis-socjeta` attrici tghaddilu kopji ta' l-*invoice*s. Ara ittra tas-socjeta` konvenuta datata 22 ta' Mejju 2002 esebita mill-istess socjeta` appellata a fol. 14;

(3) Il-kopji ta' dawk l-istess *invoice*s esebiti minn fol. 48 sa fol. 56 huma intestati "Peresso Alum". Anke minn dan il-fatt, ghal din il-Qorti, huwa ferm dubjuz illi s-socjeta` attrici ma kienetx taf illi hi kienet effettivament qed tinnegozja mas-socjeta` konvenuta. Negozju dan, li fil-versjoni ta' John Peresso, mhux kontraddett, kien ilu ghaddej xi sentejn (seduta 19 ta' Mejju 2005);

(4) Ankorke hi ligi li l-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li jsir lilu minn terza persuna [Artikolu 1149 (1), Kodici Civili], fil-kaz konkret il-fatt li l-hlasijiet kienu jsiru mill-fondi tal-kumpanija u mhux mill-konvenut personalment, ikompli jsahhah il-konvinzjoni tal-Qorti illi s-socjeta` appellata kellha ndizzju qawwi u ragonevolment allura, kienet konsapevoli illi l-ordinijiet pjazzati lilha mill-konvenut kienu mahsuba ghas-socjeta` rapprezentata minnu;

Definita din il-kwestjoni, ankorke kellu jigi ragonat, bhat-Tribunal, illi n-negozju sar mal-konvenut, kien certament jaggrava fuq is-socjeta` attrici, skond il-principju ta' l-oneru

tal-provi (Artikolu 562, Kapitolu 12) illi verament issostni l-fatt kostitutiv tad-dritt vantat minnha. Gjaladarba kien hemm kontestazzjoni evidenti da parti tal-konvenuti kemm dwar l-ammont reklamat, u aktar u aktar fil-konfront tal-kreditu pretiz, il-piz probatorju kien jesigi illi s-socjeta` appellata ggib prova univoka u konkludenti ghas-sostenn tat-talba taghha. Dan qed jigi rilevat in kwantu s-semplici dikjarazzjoni li l-kreditu kien ghadu insodisfatt ma kienx jibbasta biex jiddispensa lis-socjeta` attrici mill-oneru li, permezz ta' l-esebizzjoni ta' *invoice*s, debitament iffirmati, turi adegwatament il-legittimita` tal-pretensjoni taghha. Din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mat-Tribunal fejn dan ikkuntenta ruhu mix-xhieda ta' Henry Battistino meta, imbaghad, id-dokumenti esebiti ma jissuffragawx dak dikjarat minnu illi n-negozju jikkonducih permezz ta' fatturi li jigu ffirmati mix-xerrej (fol. 24). Fatturi dawn li fil-kaz partikulari, u ghar-raguni tan-nuqqas ta' produzzjoni taghhom, irrendew insufficjenti l-prova dwar l-allegat kreditu;

Huwa minnu li skond is-subinciz (2) (b) ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att V ta' l-1995 il-gudikatur ghandu jitgharraf b' kull mod li jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut fil-prattika dwar l-ahjar prova. Dan pero` jista' jaghmlu biss jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera biex permezz taghha jiggudika l-kaz. Fil-hsieb ta' din il-Qorti, fil-kaz partikulari, fejn iz-zewg versjonijiet ghandhom it-tnejn li huma l-impronta tal-verita`, kellu jkun car illi l-aqwa prova li kellha ssir, u li kienet fil-poter tas-socjeta` appellata li hekk tipproduci, kienet l-esebizzjoni tal-fatturi ffirmati, u xejn anqas minn dan. Ma jidherx li huwa accettabbli f' kazijiet bhal dawn li l-verita` li tippreciza l-ligi, fl-assenza ta' dokumenti importanti, hi attribut ta' wahda biss mill-partijiet in kawza;

Fil-kumpless tac-cirkostanzi kollha, u jekk hemm bzonn il-Qorti tirribadixxi li l-fattispeci huma singolari f' dan il-kaz, ir-ragonament li fuqu t-Tribunal ibbaza l-konkluzjoni tieghu ma kienx bizzejjed biex jirrisolvi kif jixraq l-kwestjonijiet

involuti sollevati bl-eccezzjonijiet, indispensabbli biex it-Tribunal seta' jipprovdi kif imiss fuq it-talba.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b' hekk thassar is-sentenza appellata, okkorrendo billi in bazi ghall-kunsiderazzjonijiet maghmula, tichad it-talba attrici. Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz huwa xieraq li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew nofs bin-nofs mill-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------